



Brussell, 15 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14056/19

LIMITE

DROIPEN 181
COPEN 430
JAI 1185
CT 122
FREMP 163
SOC 745

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	13631/19
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Vittmi

1. It-tisħiħ tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi ta' reati ġie inkluż fost il-prijoritajiet tal-programm ta' ħidma tal-Presidenza. Ġie ddedikat dibattitu waqt l-ikla ta' nofsinhar lil dan is-suġġett fil-Kunsill ĠAI (Sessjoni dwar il-Ġustizzja) li sar fis-7 ta' Ottubru 2019 abbażi tad-dokument ta' diskussjoni tiegħu¹. Id-delegazzjonijiet laqgħu l-inizjattiva tal-Presidenza li jiġi indirizzat dan is-suġġett u li tittieħed aktar azzjoni f'dan il-qasam.
2. Bħala pass ieħor, il-Presidenza ppreżentat abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill², bil-għan li ssaħħaħ il-qafas eżistenti tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-vittmi, ittejjeb l-implimentazzjoni tiegħu u tagħmilha aktar effiċjenti, kif ukoll bil-għan li tkompli tiżviluppah. F'dan ir-rigward, l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill jidentifika azzjonijiet u inizjattivi konkreti li għandhom jittieħdu u jiġu żviluppati mill-Kummissjoni u l-Istati Membri.

¹ 12401/19 + COR 1

² 12630/19

3. L-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill tqiesu mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali li sar fid-9 u t-22 ta' Ottubru 2019³. It-test tal-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill, kif irriżulta wara dawn iż-żewġ laqgħat, b'kont meħud ukoll ta' kummenti bil-miktub ippreżentati mill-Istati Membri, wara proċedura ta' silenzju⁴ ġie ppreżentat lill-CATS fil-laqgħa tiegħu fit-12 ta' Novembru 2019⁵. Id-delegazzjonijiet ikkonfermaw il-qbil tagħhom dwar it-test tal-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.
4. Il-Presidenza biħsiebha tippreżenta t-test tal-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill, kif jinsab fl-Anness għal din in-Nota, lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fil-laqgħa tiegħu fl-20 ta' Novembru 2019 u lill-Kunsill ĠAI (Sessjoni tal-Ġustizzja), fil-laqgħa tiegħu fit-3 ta' Diċembru 2019, għall-adozzjoni.

³ 13125/19
⁴ 13531/19
⁵ 13631/19

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR ID-DRITTIIJET TAL-VITTM

Il-Kunsill

- filwaqt li jfakkar fil-progress sinifikanti miksub fil-ħolqien ta' qafas komprensiv tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-vittmi;
 - filwaqt li jissottolinja l-importanza li dan il-qafas jiġi żviluppat aktar u li tittejjeb l-implimentazzjoni bla xkiel u effiċjenti tiegħu, bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha;
- (1) ITENNI l-aġenda strateġika l-ġdida tal-Unjoni Ewropea, li skontha l-protezzjoni taċ-ċittadini u l-libertajiet hija prijorità ewlenija tal-azzjoni tal-Unjoni għas-snin 2019-2024. Il-Kunsill Ewropew tenna li l-Ewropa trid tkun post fejn in-nies iħossuhom ħielsa u sikuri.
 - (2) JINNOTA b'sodisfazzjon il-ħidma tal-Kummissjoni kemm biex jittejjbu aktar id-drittijiet tal-vittmi kif ukoll biex jiġi identifikat it-tiġib xieraq fil-qasam tal-aċċess tal-vittmi għall-kumpens. Barra minn hekk, il-Kunsill iqis li r-rapport 'Tisħiħ tad-drittijiet tal-vittmi: minn kumpens għal reparazzjoni - Għal strateġija ġdida tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi 2020-2025'⁶ jipprovdi bażi tajba għal ħidma futura.
 - (3) JIRRIKONOXXI l-ħidma sinifikanti li saret mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, speċjalment b'rabta mar-riċerka u l-istħarriġ dwar l-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni ta' nuqqasijiet relatati mad-drittijiet tal-vittmi, eż. is-sett ta' erba' rapporti dwar il-ġustizzja għall-vittmi tal-kriminalità vjolenti ppubblikati f'April 2019. Abbażi tal-fehmiet ippreżentati fir-rapporti msemmija hawn fuq, il-Kunsill iqis li huwa evidenti li huma meħtieġa miżuri biex jittejjeb l-aċċess tal-vittmi għall-ġustizzja u għall-kumpens.

⁶ Ir-rapport jinsab fid-dokument 8629/19.

- (4) ITENNI l-Konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar il-vittmi tat-terroriżmu⁷ u dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, fosthom il-mutilazzjoni ġenitali femminili, maħruġa fl-2014⁸.
- (5) JIRRIKONOXXI r-riżultati tanġibbli miksuba permezz tal-ħidma mwettqa taħt il-mandat orizzontali tal-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar, skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva tal-UE Kontra t-Traffikar, inkluż fir-rigward tal-aċċess u r-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, u b'rabta mal-Komunikazzjoni tal-2017 "Rappurtar dwar is-segwitu tal-Istrateġija tal-UE dwar l-eradikazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u identifikazzjoni ta' azzjonijiet konkreti oħra".
- (6) IQIS li huwa partikolarment importanti li titkompla u tiżdied il-ħidma biex jissaħħu d-drittijiet tal-vittmi fl-Unjoni Ewropea. Għal dan il-għan, għandha titlesta dalwaqt il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-aktar istrumenti legali reċenti - bħad-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu⁹, kif ukoll id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/JHA¹⁰ - li għadha għaddejja. Il-Kunsill huwa tal-fehma li huwa ġġustifikat li tkompli tiġi żviluppata l-politika dwar il-vittmi tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-aħħar statuti rilevanti tal-UE u b'rabta mal-ħtiġijiet u d-drittijiet tal-vittmi.
- (7) IQIS li r-restituzzjoni ta' proprjetà ffriżata lill-vittma skont ir-Regolament (UE) 2018/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska¹¹ hi mezz importanti kif tiġi rikonoxxuta l-vittma.

⁷ 9719/18.

⁸ 9543/14.

⁹ ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6.

¹⁰ ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57.

¹¹ ĠU L 303, 28.11.2018, p. 1.

- (8) JISSOTTOLINJA l-importanza tat-tisħiħ tat-transizzjoni ta' statuti marbuta mad-drittijiet tal-vittmi fl-aħjar Prattika fl-Istati Membri. Huwa importanti li l-vittmi jħossu li d-drittijiet tagħhom japplikaw fil-Prattika u irrispettivament minn f'liema Stat Membru jkun seħħ ir-reat. Jeħtieġ li jiġi żgurat l-aċċess tal-vittmi għad-drittijiet billi tizzied l-effettività tal-komunikazzjoni mal-vittmi bil-miżuri xierqa kollha. Barra minn hekk, it-taħriġ u l-għarfien espert tan-nies li jiltaqgħu mal-vittmi jeħtieġ approvazzjoni komprensiva u permanenti.
- (9) JENFASIZZA l-importanza tal-finanzjament tal-UE għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità fl-Istati Membri. Il-Kunsill iqis li huwa essenzjali li l-possibbiltà li jiġu ffinanzjati azzjonijiet u inizjattivi li għandhom l-għan li jtejbu d-drittijiet tal-vittmi tiġi inkluża fil-Programm dwar il-Ġustizzja, il-Programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri u l-Fond għas-Sigurtà Interna tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni għall-2021-2027.
- (10) JAGĦRAF li kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet tal-vittmi huma interistituzzjonali, transgovernattivi, multidimensjonali u jeħtieġu koordinazzjoni. Fl-iżvilupp tal-koordinazzjoni fil-livell tal-UE, jeħtieġ li esperjenzi rigward kompiti marbuta mal-koordinazzjoni jiġu evalwati qabel ma jiġi kkunsidrat it-twaqqif ta' strutturi ta' koordinazzjoni ġodda jew il-modifika ta' kompiti eżistenti. B'mod partikolari, għandha tiġi evitata kull duplikazzjoni ma' mandati eżistenti u oqfsa ta' koordinazzjoni fil-livell tal-UE stabbiliti skont il-liġi tal-UE. Huwa importanti li l-UE tkun attiva fit-trawwim ta' kooperazzjoni transkonfinali bejn l-Istati Membri. L-istrutturi ta' koordinazzjoni nazzjonali għandhom madankollu jibqgħu taħt ir-responsabbiltà unika tal-Istati Membri.
- (11) JINNOTA li, minkejja sforzi sostanzjali biex jiġi żgurat li r-regoli jiġu applikati u d-drittijiet rispettati fiċ-ċiberspazju, il-forom kollha ta' ċiberkriminalità u ta' mgħiba ta' ħsara online għandhom qed jiżdiedu, u dan iwassal għall-ħtieġa li tingħata protezzjoni lill-vittmi li jsufu ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, telf ekonomiku, serq tal-identità u danni kontra r-reputazzjoni tagħhom fil-livell transkonfinali.

- (12) IQIS li trid tissaħħaħ il-kooperazzjoni kemm fil-livell tal-UE kif ukoll nazzjonali. Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, u l-effettività tagħha, jeħtiegħ li tiżdied billi jintużaw in-networks eżistenti tal-UE. Tista' tiġi kkunsidrata l-kooperazzjoni bejn in-Network Ewropew dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (minn hawn' il quddiem "ENVR")¹² u networks rilevanti oħra tal-UE bħan-Network Ġudizzjarju Ewropew¹³ u n-Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (minn hawn' il quddiem "l-EUCPN")¹⁴. Barra minn hekk, il-Kunsill iqis li l-laqgħat tal-punti ta' kuntatt ċentrali definiti fid-Direttiva dwar il-Kumpens jistgħu jiġu organizzati fuq bażi aktar regolari, pereżempju b'rabta mal-laqgħat/attivitajiet tal-ENVR. Sabiex tiġi rikonoxxuta bis-siġħ il-perspettiva tal-vittmi u jissaħħaħ l-appoġġ mogħti lilhom, jeħtiegħ li jiġu promossi b'mod attiv sħubijiet ma' organizzazzjonijiet u/jew atturi oħra li jipprovdu servizzi ta' appoġġ lill-vittmi.
- (13) IQIS li l-kumpens tad-danni kkawżati lill-vittmi mill-kriminalità hu parti mid-drittijiet fundamentali tal-vittmi. Filwaqt li l-obbligu primarju li l-vittmi jiġu kkompensati b'mod effettiv huwa f'idejn l-awtur tar-reat. Għandhom isiru sforzi speċjali fil-futur qrib biex jittejjeb l-aċċess effettiv tal-vittmi għall-kumpens mill-istat kif previst fid-dispożizzjonijiet dwar skemi nazzjonali ta' kumpens tad-Direttiva dwar il-Kumpens. Dan ser itejjeb b'mod partikolari s-sitwazzjoni tal-vittmi tal-kriminalità intenzjonali vjolenti.

¹² L-ENVR ġie stabbilit biex jimplimenta l-Konklużjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu Network Informali Ewropew dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, adottati f'Ġunju 2016 (9997/16).

¹³ Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/976/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar in-Network Ġudizzjarju Ewropew (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 130).

¹⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/902/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (EUCPN) u li tħassar id-Deċiżjoni 2001/427/ĠAI (ĠU L 321, 8.12.2009, p. 44).

- (14) IQIS li sabiex jitlejeb l-aċċess tal-vittmi għall-kumpens, għandhom jitqiesu miżuri xierqa. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu t-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-livell nazzjonali u tal-UE. Tista' tiġi kkunsidrata wkoll ir-reviżjoni possibbli tad-Direttiva dwar il-Kumpens skont l-eżitu tal-evalwazzjoni li għaddejja. Parti mix-xogħol ta' reviżjoni possibbli għandha tkun li jiġu definiti aktar il-kompiti tal-punti ta' kuntatt nazzjonali. Barra minn hekk, sabiex tiġi kkunsidrata azzjoni futura fil-qasam tal-aċċess tal-vittmi għall-kumpens, għandha tingħata aktar informazzjoni b'rabta mad-diffikultajiet li wieħed jiltaqa' magħhom fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kumpens. Barra minn hekk, hija meħtieġa aktar informazzjoni dwar il-kriterji nazzjonali għall-kumpens u definizzjonijiet ta' reati vjolenti intenzjonali fl-Istati Membri.
- (15) JISSOTTOLINJA li sabiex jiġu simplifikati l-iskemi ta' kumpens mill-istat, kif ukoll biex jitqiesu b'mod adegwat id-differenzi bejn l-Istati Membri, jeħtieġ li l-kumpens jibqa' pekunarju. L-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li l-vittmi ma jiġux esposti għal vittimizzazzjoni sekondarja meta jitolbu kumpens billi jagħtu appoġġ u protezzjoni xierqa. Il-Kunsill ma jqisx l-armonizzazzjoni ta' kumpens u ta' skemi ta' kumpens statali possibbli; madankollu, jista' jiġi esplorat jekk tistax tiġi armonizzata sa ċertu punt id-definizzjoni ta' vittmi intitolati għall-kumpens mill-Istat.

Il-Kummissjoni Ewropea hi mistiedna:

1. TFASSAL strateġija tal-UE għall-2020-2024 dwar id-drittijiet tal-vittmi. L-istrateġija għandha tkun komprensiva u tkopri l-vittmi kollha tal-kriminalità, b'enfasi speċjali fuq il-vittmi ta' reati vjolenti. Hija għandha tinkludi approċċ sistematiku biex tiżgura l-aċċess effettiv tal-vittmi għall-ġustizzja u l-kumpens.
2. TINKLUDI fl-istrateġija l-miżuri li ġejjin: il-promozzjoni tal-aħjar prattika fost l-Istati Membri dwar kif jittejjeb l-aċċess tal-vittmi għall-informazzjoni, l-appoġġ u l-protezzjoni, inizjattivi prattiċi ġodda għat-taħriġ u, il-koordinazzjoni u t-tisħiħ tal-attivitajiet ta' networks eżistenti tal-UE bħan-Network Ewropew dwar id-Drittijiet tal-Vittmi u n-network ta' punti ta' kuntatt nazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar il-Kumpens. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni hija mistiedna tevalwa l-attivitajiet u l-valur tal-ENVR u n-network ta' punti ta' kuntatt nazzjonali u tivvaluta kemm hu xieraq li dawn iż-żewġ networks jingħaqdu flimkien.
3. TEVALWA l-qafas leġislattiv eżistenti dwar id-drittijiet tal-vittmi bħala parti mill-istrateġija msemmija hawn fuq. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lir-rieżami tar-regoli tal-UE rilevanti għall-kumpens bħad-Direttiva dwar il-Kumpens. L-effetti tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji¹⁵ fuq l-aċċess tal-vittmi għal kumpens għandhom jiġu eżaminati wkoll.
4. TISTIEDEN lill-Eurojust, il-FRA, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-ENVR biex jeżaminaw il-kwistjoni ta' kif itejbu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti rigward il-vittmi ta' kriminalità vjolenti f'każijiet transkonfinali. Barra minn hekk, in-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi jistgħu jikkontribwixxu wkoll b'mod partikolari fir-rigward tat-taħriġ tal-awtoritajiet kompetenti.
5. TAGĦMEL UŻU SĦIĦ mill-istrumenti ta' finanzjament tal-UE fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità u xxerred b'mod attiv informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE li għandhom l-għan li jtejjbu d-drittijiet tal-vittmi fl-Istati Membri.

¹⁵ ĠU L 76, 22.3.2005, p. 16.

L-Istati Membri huma mistiedna:

1. JIŻGURAW it-traspożizzjoni sħiħa u korretta u l-implimentazzjoni Prattika Effettiva tal-leġislazzjoni eżistenti tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi.
2. IĦARSU l-impenn li jimplimentaw il-miżuri maqbula fil-Konklużjonijiet reċenti tal-Kunsill fil-qasam tad-drittijiet tal-vittmi.
3. JIŻGURAW li l-awtoritajiet nazzjonali ta' kumpens jipparteċipaw, meta meħtieġ, f'azzjoni nazzjonali u bilaterali u f'laqgħat ta' punti ta' kuntatt nazzjonali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni.
4. JIŻGURAW approċċ komprensiv u olistiku għad-drittijiet tal-vittmi, li jkun jinvolvi lill-atturi kollha li x'aktarx jiġu f'kuntatt mal-vittmi u jinkludi aċċess tal-vittmi għal informazzjoni dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tagħhom skont il-ħtiġijiet individwali tal-vittmi.
5. JIŻGURAW l-eżistenza ta' politiki ta' kumpens nazzjonali dwar l-aċċess tal-vittmi għal kumpens u jekk meħtieġ jiżviluppaw miżuri biex itejbu kif jaħdmu. Parti minn dan l-iżvilupp jista' jikkonċentra fuq it-titjib tal-possibiltajiet għall-użu ta' teknoloġija ġdida sabiex il-vittmi jiġu infurmati aħjar dwar il-kumpens. L-informazzjoni għandha tkun interattiva, faċli biex tintuża u aċċessibbli għall-utenti kollha. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli mill-inqas bl-Ingliż flimkien mal-lingwi nazzjonali. L-Istati Membri huma wkoll mħeġġa jiżviluppaw servizzi elettroniċi u formoli faċli għall-utent biex japplikaw għall-kumpens.
6. ISAĦĦU l-għarfien tal-uffiċjali li x'aktarx jiġu f'kuntatt mal-vittmi dwar l-iskemi ta' kumpens mill-istat, pereżempju billi jipprovdu taħriġ. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mistiedna jikkunsidraw jekk it-taħriġ skont l-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi għandux jiġi pprovdut ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mill-kumpens.
7. JAGĦMLU UŻU SĦIĦ mill-istrumenti ta' finanzjament tal-UE fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità, inkluż pereżempju bl-iżvilupp u t-twaqqif ta' siti elettroniċi nazzjonali interattivi u faċli biex jintużaw, linji telefoniċi għall-għajnuna u applikazzjonijiet mobbli għall-awtoritajiet responsabbli mill-kumpens fl-Istati Membri.